# Carmelo Borg

## Il-Pittur ta' San Giljan - Nota Bijografika

*Pio Dalli*

**L-isem ta' Carmelo Borg illum jista' ma jfisser xejn ghal dawk li jiffrekwentaw il-każin tal-Banda San Ġiljan, imma oħrajn li huma aktar imdaħħlin fiż-żmien, dan l-isem ifisser ħafna. Dawk li jiftakru s-sala ta' fuq qabel ma imbidlilha s-saqaf jiftakruh impitter. Dan kien xogħol Carmelo Borg li ħafna drabi kien jiffirma C.Borg Debono. Fil-każin hemm ukoll r-ritratti tal-kompożituri li mhumiex fotografiji imma tpinġijiet bil-lapes li kien għamel Carmelo meta kellu ftit aktar minn tletin sena.**

### Min kien Carmelo Borg?

Carmelo Borg twieled fl-1904 u kien il-kbir minn fost erba' aħwa, l-oħrajn kienu Agatha, Inez u Tarcisio li miet mat twelid. Missieru u ommu kienu Pio Borg u Loreta Debono u twieled u għex tfulitu u żogħżitu f'numru 42 Triq il-Karmelu San Ġiljan. Minn żgħir kien jidher li kien kreattiv. Kont nisma' lil ommi, li tiġi oħtu, tirrakkonta li dejjem b'xi biċċa lapes jew karbonella jpingi mal-ħitan meta ma kienx isib xi biċċa karta. Anke meta kien imur l-iskola, dejjem kien moħħu li jagħmel xi ħaġa li l-iskola ma kienx ikun hemm bħalha.

Ta' tlettax-il sena mietet ommu Loreta ftit wara t-twelid ta' ħuh Tarcisio u minn hemm il-ħajja saret ftit aktar diffiċli għalih u għall-familja kollha. Kien bis-saħħa taz-zijiet ħut ommu, li kienu baqgħu jikbru fl-għożża tal-familja. Hu u ż-żewġ ħutu bniet Agatha u Ines barra l-iskola bdew jitgħallmu xi affarijiet oħra biex ikunu jistghu jibdew ifendu ftit aħjar.

Carmelo kien mar jistudju l-arti għand Ramiro Cali u ħutu marru jitgħallmu l-ħjata għand ċerta Ġużeppa l-ħajjata. Missierhom Pio, li għalih imsemmi jien, baqa' jaħdem u jistinka biex ikun jista' jgħajjex lil uliedu. Huwa kien jahdem fuq il-bastimenti ta' Cassar Torreggiani fosthom il-famuż *Knight of Malta* li kien ibaħħar bejn Malta u t-Tuneżija.

Hawnhekk ta' min jgħid li dawn it-tlett itfal kellhom idejhom jagħmlu kulma jaraw għajnejhom u waqt li Carmelo beda jpinġi l-inkwatri biex jaqla' xi sold hutu Agatha u Inez bdew iħitu għan-nies, xogħol li għalih kienu msemmija ma' San Ġiljan kollu u anke man-nisa ta' uffiċjali tan-Navy Ingliża li kienu jirrikmandawhom lil xulxin.



Wara li spiċċa l-iskola Carmelo Borg kien daħal jahdem il-Cable and Wireless, magħrufa komunemment bhala t-*Telegraph*. U wara ftit tas-snin iżżewweġ lil Melita Mangion, waħda mill-ħafna tfal li kellu s-Sur Dwardu Mangion, magħruf bhala Daddu li kien joqgħod triq il-Prinċep ta' Wales, (illum Triq Manwel Dimech) tas-Sliema. Meta żżewweġ kien mar joqgħod Triq Lapsi u wara mar joqgħod flimkien ma martu u l-familja f'numru 7 Triq Blanche Huber tas-Sliema.

Hawnhekk irrid ngħid li kien bis-saħħa taz-ziju Karm li missieri u ommi iltaqgħu għaliex missieri u Carmelo kienu t-tnejn jaħdmu mal-Cable and Wireless.

## Ir-Rabta mal-Każin

In-nannu barra li kien ħabib kbir ta' Dun Pawl Galea, wieħed mill-fundaturi tal-każin kien ukoll membru attiv tal-Banda San Giljan u fost l-affarijiet li kien inkarigat minnhom kien li jġib xi baned biex jipparteċipaw fil-festa ta' San Ġiljan. Kien fost l-oħrajn beda jġib il-banda King's Own li dak iz-zmien kellha bħala surmast lill-jugoslav Doncic. Carmelo kien beda jiffrewenta il-Każin ma missieru u beda jagħmel xi disinji għall każin, fil-fatt wieħed isib li l-istandardi tal-Każin huma kwazi kollha fuq disinji tiegħu. Barra minn hekk huwa kien iqabbad lil ommi u lil ziti biex jagħmlulu l-ħjata ta' dawn l-istandardi.

F'dan l-istess żmien Carmelo Borg kien sar midħla sew tas-Salezjani għaliex kien iħobb il-palk u l-attivita teatrali u barra li kien jieħu sehem f'xi attivitajiet teatrali kien ikkarigat mit-tpinġija tax-xenarji kollu li kien ikun hemm bzonn f'dan it-teatru meta kien fl-aqwa tiegħu . Kellu passjoni oħra . Din kienet il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa . Fil-fatt hu kien il-bniedem li kienu jieħu ħsieb l-irtokk u l-ilbies tal-partecipanti tal-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Qormi meta din kienet għadha fil-bidu tagħha.

Imma l-pittura u l-kreattivita kienu il-punti qawwija tiegħu u kien hawnhekk li hu kien isib is-serħan tal-moħħ tiegħu. Kien bniedem nervuż ħafna imma meta kien jaqbad il-paletta bil-kuluri u l-pniezel



f'idejh kien ikollu ċerta kalma li diffiċli tispjegahom. Imma basta ma tkellmux għaliex kien jitlef l-erre. Il-medium favorit tiegħu kien iż-żejt, imma mhux l-ewwel darba li ħadem bil-pastelli.

Kien bniedem li jinnota bi preċizjoni kbira kull dettal u hawn niftakar meta kien gie kummissjonat biex jagħmel Pittura ta' Dun Gwann Galea meta kien sar kappillan ta' San Giljan. Dun Ġwann kellu għaddsa f'wiccu u z-ziju Karm kien qalli biex immur inħares sew lejn Dun Ġwann biex nara fejn hi eżatt din l-għaddsa. Għaliex tajjeb li ngħidu li din il-pittura kien għamilha mill-memorja.





Carmelo Borg barra milli kien pittur tal-pajsaġġi u ta' "Still Life" kien ukoll ritrattista mill-aqwa u kienu diversi n-nies li kkummissjonawlu xogħlijiet għad-djar tagħhom. Imma minkejja li kellu familja kbira, Carmelo Borg ftit li xejn kien jieħu flus tax-xogħlijiet li għamel.



Barra li kien ipitter u jiddisinja kien ukoll jagħmel statwetti u mudelli ta' għasafar u annimali eżotiċi u kien ukoll imbarka fuq biċċa xogħol ġdida. Kienet dik li jirrestawra affarijiet antiki li jistgħu jkunu kemm sentimentali jew prezzjużi.

Niftakru meta xi hadd kien iġiblu xi oġġett aktar imfarrak milli miksur, b'ċajta jistaqsi lil min ġabulu jekk min għamel l-oġġett kienx għadu ħaj biex ikun jista' jistaqsih kif kien. Imma imbagħad meta kont tara l-oħħett imsewwi qatt ma tobsor li xi darba dan kien miksur.

Carmelo Borg li ma kienx jgħid le għal xi qatra nbid tajba jew Brandy doppju kien bniedem umli. Minkejja li rebaħ diversi konpetizzjonijiet tal-arti qatt ma ried li ismu jixxandar. Il-motto tiegħu kien Jien inħobb biss l-arti. L-affarijiet l-oħra ħallihom għal ħaddiehor.

Carmelo Borg miet fl-1997 fl-eta ta 93 sena.